***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 365 tas-7 ta' Marzu 2016 dwar punt imqajjem mill-Onor. David Agius dwar delega ministerjali**

Is-Sedja tagħmel referenza għall-punt imqajjem mill-Onor David Agius fir-rigward ta' jekk Segretarju Parlamentari jistax jagħmel stqarrija ministerjali u dan meta l-istess Ministru jkun preżenti fil-Kamra. Huwa rrefera għal diversi *rulings* li ngħataw kemm mis-Sedja kif preżentement u preċedentement preseduta.

Is-Sedja semgħet ukoll dak li kellu xi jgħid il-Ministru Owen Bonnici dwar il-fatt li s-Segretarji Parlamentari jkollhom *delegated responsibilities* kif ukoll semgħet lill-Onorevoli Mario De Marco li qal li fiha nfisha, il-kelma ministerial statement tfisser li hija stqarrija ta' ministru.

Is-Sedja semgħet ukoll lill-Ministru Konrad Mizzi li qal li l-qofol tas-suġġett inkwistjoni sar mis-Segretarju Parlamentari Chris Fearne u li huwa lest li jwieġeb flimkien mal-istess Segretarju Parlamentari għal kull domanda li tista' ssir.

Wara li semgħet il-kelliema s-Sedja ssospendiet il-Kamra biex tagħti *ruling*.

Jingħad minnufih li mir-riċerka li għamlet is-Sedja bejn l-1962 sa Ġunju 1971 jidher li l-Kabinett kien dejjem kompost minn Ministri u li mill-1971 'il quddiem bdew jinħatru *junior ministers* u sussegwentement segretarji parlamentari, kif ipprovdut fl-artikolu 88 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li ġie emendat bl-Att LVIII tal-1974.

Is-Sedja tagħmel ukoll referenza għad-deċiżjoni li tat is-Sedja preżenti fis-seduta 27 tas-6 ta' Ġunju 2013 li kienet tikkonċerna mistoqsijiet fil-ħin ta' stqarrijiet ministerjali fejn is-Sedja kienet iddeċidiet u nikkwota:

> "Nixtieq niġbed l-attenzjoni tal-Kamra fuq li nqala' proprju f'dan il-ħin tal-mistoqsijiet u rimarki dwar l-istqarrija. Il-proċedura tal-Parlament skont id-deċiżjoni 13 tas-seduta 233 tal-25 ta' Frar 1985 kienet li meta ssir stqarrija ministerjali jsiru d-domandi biss. Però, huwa veru li kien hemm il-*custom* li meta wieħed jagħmel mistoqsijiet jagħmel l-argument tagħha.
>
> Tajjeb li ngħidu wkoll li – għall-benefiċċju ta' kulħadd – li skont il-proċedura kif aħna nimxu taħt l-Ordni Permanenti 197 tal-proċedura hija li *in the absence* ta' dak li huwa mod dettaljat fl-Ordnijiet Permanenti nimxu ma' dak li jgħidilna l-*Erskine May*. L-*Erskine May* jagħmilha ċara li *statement* ta' ministru kemm jista' jkun ikun konċiż u ma jkunx itwal minn 10 minuti.
>
> Replika tal-Oppożizzjoni għal kull membru ma tkunx iktar minn 5 minuti. Qed ngħid dan mhux biex nimxu fuqhom imma qed ngħid dan biex kemm jista' jkun nagħtu spazju lil kulħadd."

Għalhekk jingħad li f'dan ir-*ruling* is-Sedja ma daħlitx fil-kwestjoni dwar jekk Segretarju Parlamentari jistax jagħmel stqarrija parlamentari. Huwa proprju issa li s-Sedja qiegħda tidħol f'dan il-punt ta' proċedura.

B'referenza għall-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, irid jingħad li dawn huma siekta dwar il-proċedura tal-Isqarrija Ministerjali.

Is-Sedja rat ukoll il-Kap. 324 li huwa l-Att dwar id-Delega ta' Funzjonijiet minn Ministri fejn fl-artikolu 3 tal-istess Att jitkellem dwar delega ta' funzjonijiet u nikkwota:

> "3(1) Ministru jista' jiddelega lis-Segretarju Parlamentari li jkun qed jassistih fit-twettiq ta' dmirijietu, kull funzjoni li bis-saħħa tal-kariga tiegħu tkun mogħtija lilu b'xi jew taħt xi liġi.
> (2) Delega ta' funzjonijiet taħt dan l-artikolu għandha tkun mingħajr preġudizzju għat-twettiq ta' dawk il-funzjonijiet mill-Ministru;
> (3) Is-setgħa li tiġi hekk delegata biex isiru ordnijiet, regoli jew regolamenti għandha, kemm il-darba ma jkunx jidher li hemm xi ħsieb ieħor, tiftiehem li tinkludi setgħa li wieħed jirrevoka, jemenda jew ibiddel ordnijiet, regoli jew regolamenti."

Is-Sedja rat ukoll id-delega li saret mill-istess Ministru Konrad Mizzi lis-Segretarju Parlamentari Chris Fearne kif ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Novembru 2014 li testwalment taqra hekk:

> **"Nru. 1142**
>
> **ATT DWAR ID-DELEGA TA' FUNZJONIJIET MINN MINISTRI (KAP. 324)**
> **Delega ta' Funzjonijiet mill-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa**
>
> NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 3 tal-Att dwar id-Delega ta' Funzjonijiet minn Ministri (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-Att), l-Onor. Dr Konrad Mizzi, BSc, MA (Notts), PhD (Notts), MP, Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa, bi strument ta' delega taħt il-firma tiegħu tal-Erbgħa, 5 ta' Novembru, 2014, iddelega l-iffirmar tal-Avviżi Legali li jirrelataw direttament mal-portafoll tas-Saħħa, li bis-saħħa tal-kariga tiegħu ministerjali u biss għal dak li jirrigwarda l-kariga tiegħu ta' Ministru responsabbli għas-Saħħa, huma mogħtija lilu b'xi jew taħt xi liġi, lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Chris Fearne, MD, FRCS (Ed), MP, li huwa s-Segretarju Parlamentari għas-Saħħa fl-Uffiċċju tal-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa, u li huwa maħtur biex jassistih fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu.
>
> Din id-delega saret mingħajr preġudizzju għat-twettiq ta' dawn il-funzjonijiet mill-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa, u dan skont is-subartikolu (2) tal-Artikolu 3 tal-Att.
>
> Is-Segretarju Parlamentarji għas-Saħħa jista' wkoll iħarrek jew jiġi mħarrek dwar kull funzjoni hekk delegata lilu, u jista' jkompli kull proċediment legali li jkun inbeda għar-rigward ta' dawk il-funzjonijiet qabel id-data tad-delega, u dan skont l-Artikolu 5 tal-Att.
>
> Il-11 ta' Novembru, 2014"

Mill-istess qari ta' din id-delega, joħroġ ċar li din mhix delega ġenerali imma hija speċifika u applikabbli biss għall-iffirmar ta' Avviżi Legali relatati mal-portafoll tas-Saħħa.

Is-Sedja rat delegi oħra maħruġa matul din il-leġiżlatura maħruġa taħt l-Artikolu 3 tal-Kap 324 fejn uħud minnhom jitkellmu dwar delega ġenerali għal dak li jirrigwarda Atti partikolari.

Is-Sedja rat ukoll il-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u tas-Segretarji Parlamentari li tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fis-seduta 290 tal-15 ta' Lulju 2015 fejn b'referenza għall-Ministri, il-Kodiċi jitkellem ċar u nikkwota:

> "F'dan il-kodiċi, referenza għal Ministru tinkludi fiha riferenza għal Segretarju Parlamentari. Il-Kelma Ministru għanda tittieħed li tapplika kemm għal maskil u kemm għall-femminil"

L-istess Kodiċi fl-artikolu 9.2 jagħmilha ċara u nikkwota:

> "9.2 Meta jkun jiltaqa' l-Parlament, il-Ministri għandhom jaraw li l-aktar dikjarazzjonijiet u stqarrijiet importanti dwar policies jew deċiżjonijiet jiġu mħabbra fil-Parlament bħala l-ogħla Istituzzjoni tal-Pajjiż."

Is-Sedja hawnhekk tirrileva li nonostanti dak li jgħid il-Kodiċi ta' Etika, jibqa' jipprevali l-Att dwar Delega ta' Funzjonijiet minn Ministri li l-għan speċifiku tiegħu huwa:

> "Biex jagħti s-setgħa lill-Ministri biex jiddelegaw il-funzjonijiet tal-karigi tagħhom lis-Segretarji Parlamentari."

Tenut dan kollu u in mankanza ta' delega ġenerali li tkopri x-xogħol kollu tad-dekasteru, u allura inkluż dak li jirrigwarda xogħol parlamentari tal-Ministeru tas-Saħħa u mhux kif deskritta b'mod ristrett fid-delega tal-11 ta' Novembru 2014, is-Sedja qiegħda tiddeċiedi b'dan ir-*ruling* li l-istqarrija għandha ssir mill-Ministru. Dan però illi kif stqarr il-Ministru Konrad Mizzi stess fil-Parlament, ladarba l-istess Segretarju Parlamentari prattikament għamel ix-xogħol hu dwar il-materja ta' din l-istqarrija ministerjali, l-istess Segretarju Parlamentari Chris Fearne jista', jekk jidhirlu xieraq, jwieġeb id-domandi jew uħud mid-domandi li jistgħu jsiru dwar din l-istqarrija ministerjali.